

32001L0010

31.5.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 147/41

**ID-DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL 2001/10/KE
tat-22 ta' Mejju 2001**

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE għal dak li jirrigwarda *scrapie*

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment Artikolu 152(4)(b) tiegħu,

Wara li kkundraw il-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾

Wara li kunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Billi jaġixxu bi qbil mal-proċedura stabbilita f'Artikolu 251 tat-Trattat ⁽³⁾,

Billi:

(1) Il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali għall-*scrapie*, li jkopru t-tpoġġija fis-suq ta' l-annimali, jinstabu fid-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju f'annimali tar-razez tan-nagħaġ u tal-mogħoż ⁽⁴⁾.

(2) Il-Kummissjoni akwistat l-opinjoni xjentifiċi, partikolarment tal-Kumitat ta' Ġestjoni Xjentifika, dwar l-aspetti diversi ta' l-ispongiform *encephalopathies* trasmessibbli (SET). Ir-regoli stabbiliti fid-Direttiva 91/68/KEE għandhom ikunu riveduti fid-dawl ta' dawk l-opinjoni.

(3) Dispożizzjonijiet għandhom ikunu stabbiliti għall-materji kollha li jikonċernaw is-SET li japplikaw, partikolarment, għall-produzzjoni w tpoġġija fis-suq ta' l-annimali ħajjin u l-prodotti ta' l-orijini mill-annimali msemmija f'Artikolu 1(1) tar-regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabilixxi r-regoli għall-prevenzjoni, kontroll u qerda ta' ċerti sponġiformi *encephalopathies* trasmessibbli ⁽⁵⁾.

(4) Din id-Direttiva tikkonċerna direttament is-saħħa pubblika u tirrigwardja l-operat tas-suq intern. Huwa konsegwentement xieraq li Artikolu 152(4)(b) tat-Trattat ikun meqjus bħala l-bażi legali li jittieħed Artikolu 152(4)(b) tat-Trattat bħala l-bażi legali, għall-adattament tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċerti sponġiformi *encephalopathies* trasmessibbli

(5) Id-Direttiva 91/68/KEE għandha għalhekk tkun emendata kif meħtieġ,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 91/68/KEE hija emendata kif ġej:

1. F'Artikolu 2(7), "kif elenkata taħt is-Sezzjonijiet I u II ta' l-Anness B" għandha tkun mibdula bi "kif elenkata

taħt is-Sezzjoni I ta' Anness B".

2. Artikolu 6(b) għandu jkun imħassar.

3. F'Artikolu 7(1), "imsemmija f'Anness B, is-Sezzjonijiet II u III" għandu jkun mibdul bi "imsemmija f'Anness B, is-Sezzjoni III".

4. F'Artikolu 8(1), "elenkata f'Anness B, is-Sezzjonijiet II u III" għandu tkun mibdul bi "elenkata f'Anness B, is-Sezzjoni III".

5. Sezzjoni II t'Anness B għandha tkun imħassra.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħal fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieħa sabiex ikunu konformi ma din id-Direttiva mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2001. Huma għandhom jinfurmaw immedjament b'dan lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Lulju 2001.

Meta L-Istati Membri jadotta dawn il-miżuri, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkompanjata minn referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi li bihom isiru dawn ir-referenzi għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lejn il-Kummissjoni d-dispożizzjonijiet tal-liġi domestika li huma jadottaw fil-qasam irregolat minn din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra dwarhom.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Mejju 2001.

Għall-Parlament Ewropew

N. FONTAINE

Il-President

Għall-Kunsill

M. WINBERG

Il-President

⁽¹⁾ ĠU C 45, tad-19.2.1999, p. 33.

⁽²⁾ ĠU C 258, ta' l-10.9.1999, p. 19.

⁽³⁾ L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2000 (ĠU C 339, tad-29.11.2000, p. 128) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2001

⁽⁴⁾ ĠU L 46, tad-19.2.1991, 19: Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 94/953/KE (ĠU L 371, tal-31.12.1994, p. 14) Kummissjoni 94/953/KE (OJ L 371, tal-31.12.1994, p.14)

⁽⁵⁾ Ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.